MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tal-11 ta' Frar, 2015

Numru. 114/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Lauren Micallef**

Kumpilazzjoni Nru: 114/2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Lauren Micallef ta' 28 sena, bint Mario Micallef u Carmen Micallef nee' Cuschieri, imwielda Pieta' nhar il-31 ta' Mejju, 1886 u residenti 8, Victoria, Flat 1, Triq Luqa Briffa, Naxxar u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 245286 (M)

Akkuzata talli:

1. Nhar it-12 ta' Novembru, 2014 gewwa n-Naxxar b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz,jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqied b'qerq iehor, ingann jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta' haddiehor.
2. Akkuzata ukoll talli nhar it-12 ta' Novembru, 2014 u/jew xi granet qabel, ikkommettiet serq ta' cekkijiet tal-Bank of Valletta, li l-ammont taghhom jeccedi il-valur ta' €232.94.
3. Akkuzata ukoll talli fit-12 ta' Novembru, 2014 u/jew qabel jew wara din id-data, gewwa n-Naxxar, xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa u cioe' cekkijiet mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reati jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat l-artikoli 261(c), 267, 308, 309, 310(1)(b) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni ta'l-ufficjal prosekutur li t-tielet imputazzjoni dwar ricettazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni dwar serq.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi t-tielet imputazzjoni dwar ricettazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni dwar serq li giet ammessa; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali taghha li hija netta u l-fatt li l-ammont defrodat gie ritornat qabel ma nbdew dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli l-artikoli 261(c), 267, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kunidzzjoni li ma taghmiex reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju lill-imputata l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------